# Mea Culpa

Joseph Axiaq

lissintu *mea culpa*
mkeffna fl-ipokresija
waqt li lsienkom għanna l-imħabba lejn il-proxxmu
bqajtu għomja għal dak li għajnejkom raw
torox għal dak li widnejkom semgħu
mitbuq fommkom
għax skontkom
tindaħlu m'għandkomx

lissintu *mea culpa*
daharkom tajtu lil dik li f'darha – uliedha spettaturi
nħafnet minn min ħasbet li ħabbha
minn qilla ta' jdejn goffi bla taf għaliex
tmellishom saru toqol ponnijiet
bħal mazza fuq ħadida minn forġet in-nirien
lil ġisimha benġlu
lil wiċċha sfiguraw

lissintu *mea culpa*
għall-biki u l-krib kontu xhieda
widintkom bewwistu mal-ħitan
wiċċha miksi b'velu ta' mistħija
l-għada m'għaraftux
kasha bqajtu ma tajtux
daharkom biss sellmilha

lissintu *mea culpa*
għax tagħha t-tifsira tliftu b'rutina ħadtuha
għax f'ritwal biss tlissnuha
li jserraħkom mit-toqol tal-indifferenza